

Brussell, 6 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

13607/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0309 (NLE)

POLCOM 284
COASI 112

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	30 ta' Settembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 568 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat għall-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand, dwar l-adozzjoni tal-linji gwida operazzjonali tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 568 final.

Mehmuż: COM(2025) 568 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.9.2025
COM(2025) 568 final

2025/0309 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat għall-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand, dwar l-adozzjoni tal-linji gwida operazzjonali tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Il-Kummissjoni tipproponi li l-Kunsill jistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat għall-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand (il-“Ftehim”)¹, b'rabta mal-adozzjoni prevista tal-linji gwida operazzjonali għat-tmexxija tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili skont il-Ftehim.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2024. Il-Ftehim jistabbilixxi qafas istituzzjonali, inklużi mekkaniżmi għall-Partijiet biex jikkonsultaw lis-soċjetà ċivili dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim, b'mod partikolari permezz tal-interazzjoni mal-gruppi konsultattivi domestiċi tagħhom u mal-Forum tas-Soċjetà Ċivili msemmi fl-Artikoli 24.6 u 24.7, rispettivament.

L-Artikolu 24.7 tal-Ftehim jipprevedi l-iffaċilitar mill-Partijiet tal-organizzazzjoni ta' Forum tas-Soċjetà Ċivili biex imexxi djalogu dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim. Il-Forum tas-Soċjetà Ċivili huwa maħsub li jingħaqad mal-laqgħa tal-Kumitat għall-Kummerċ. Il-Ftehim jipprevedi wkoll li l-Partijiet għandhom jaqblu fil-Kumitat għall-Kummerċ dwar il-linji gwida operazzjonali għat-tmexxija tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili.

2.2. L-att previst tal-Kumitat għall-Kummerċ

Il-Kumitat għall-Kummerċ għandu jadotta deċiżjoni dwar il-linji gwida operattivi għat-tmexxija tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni dwar il-linji gwida operattivi tiġi adottata mill-Kumitat għall-Kummerċ qabel l-ewwel laqgħa tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili.

L-għan tal-att previst huwa li jistabbilixxi sett ta' regoli għat-tmexxija tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili.

L-att previst isir vinkolanti fuq il-Partijiet f'konformità mal-Artikolu 24.5(1) tal-Ftehim, li jipprevedi li: *“Id-deċiżjonijiet adottati mill-Kumitat għall-Kummerċ [...] għandhom ikunu vinkolanti fuq il-Partijiet u [...] [i]l-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jimplimentaw id-deċiżjonijiet adottati mill-Kumitat għall-Kummerċ.”*

3. IL-POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTEĦED F'ISEM L-UNJONI

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat għall-Kummerċ għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ meħmuż ma' din il-proposta.

F'konformità mal-Artikolu 24.7 tal-Ftehim, il-linji gwida operazzjonali jipprevedu li l-parteċipazzjoni fil-Forum tas-Soċjetà Ċivili tkun miftuħa għal organizzazzjonijiet indipendenti tas-soċjetà ċivili tal-Unjoni Ewropea u ta' New Zealand. L-għan tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili huwa li jmexxi djalogu dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim u l-laqgħat tiegħu jistgħu jsiru personalment jew b'mezzi virtwali. Il-Ftehim jistabbilixxi li l-Forum tas-Soċjetà Ċivili se jfittex li jingħaqad b'mod konġunt fil-laqgħa tal-Kumitat għall-Kummerċ.

¹ Il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand (ĠU L, 2024/866, 25.3.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_international/2024/866/oj).

4. BAŻI LEGALI

4.1. Bażi legali proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jstabbilixxu “*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f’isem l-Unjoni f’sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.*”

Il-kunċett ta’ “*atti li jkollhom effetti legali*” jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregola s-sede kkonċernata. Jinkludi wkoll l-istrumenti li ma jkollhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li “*jistgħu jinfluwenzaw b’mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni*”².

4.1.2. Applikazzjoni għall-każ attwali

Il-Kumitat għall-Kummerċ huwa korp stabbilit fi ftehim, jiġifieri l-Ftehim ta’ Kummerċ Fieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand.

L-att li l-Kumitat għall-Kummerċ huwa mitlub jadotta, jikkostitwixxi att li jkollu effetti ġuridiċi. L-att previst ikun vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f’konformità mal-Artikolu 24.5(1) tal-Ftehim.

L-att previst ma jissupplimentax u ma jemendax il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) TFUE.

4.2. Bażi legali sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi legali sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE tiddependi primarjament mill-oġettiv u l-kontenut tal-att previst li fir-rigward tiegħu tittieħed pożizzjoni f’isem l-Unjoni. Jekk l-att previst isegwi żewġ għanijiet jew ikollu żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew il-komponenti jkun identifikabbli bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE trid tissegjes fuq bażi legali sostantiva unika, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għall-każ attwali

L-oġettiv prinċipali u l-kontenut tal-att previst jirrigwardaw il-politika kummerċjali komuni.

Għalhekk, il-bażi legali sostantiva tad-Deċiżjoni proposta hija l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) TFUE.

4.3. Konklużjoni

Il-bażi legali tad-Deċiżjoni proposta għandha tkun l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) TFUE.

² Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta’ Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-punti 61 sa 64.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat għall-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand, dwar l-adozzjoni tal-linji gwida operazzjonali tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand ("il-Ftehim") ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/244³ u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2024.
- (2) L-Artikolu 24.7 tal-Ftehim jirrikjedi li l-Partijiet jaqblu fl-ewwel laqgħa tal-Kumitat għall-Kummerċ, stabbilit bl-Artikolu 24.1(1) tal-Ftehim, dwar linji gwida operazzjonali għat-tmexxija tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili.
- (3) Għaldaqstant, huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat għall-Kummerċ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat għall-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand, dwar deċiżjoni li għandha tittieħed f'konformità mal-Artikolu 24.7 tiegħu, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/244 tas-27 ta' Novembru 2023 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand (ĠU L, 2024/244, 28.02.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/244/oj>).